# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tas-16 ta' Marzu 2001**

**Citazzjoni numru 1053/93 GC**

**Joseph Sacco bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-societa' S. Mifsud & Sons Limited**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Richard Galea Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Dragonara Development Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi fit-3 ta' Mejju 1991 l-atturi nomine u l-konvenuti nomine dahlu f'kuntratt (Il-Kuntratt - Dok "A") li permezz tieghu s-'sole and exclusive marketing' tal-lukanda Dragonara Palace Hotel f'San Giljan gie fdat lis-socjeta attrici, taht il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fil-Kuntratt;

Illi l-Kuntratt kien applikabbli ghall-perjodu bejn il-5 ta' April 1991 u l-15 ta' Novembru 1991;

Illi skond l-artikolu 4 tal-Kuntratt is-socjeta konvenuta ntrabtet li talloka "the whole bed availability tal-lukanda Dragonara fuq bazi ta' eskulsivita lis-socjeta attrici u li s-socjeta konvenuta "will not take any bookings except through SMS, however requests by regular and direct clients of The Hotel will be accepted by The Hotel but SMS are to be kept informed of these bookings" u illi gie pattwit ukoll fl-istess klawzola li "the revenue collected from these regular and direct clients will form part of the minimum turnover guarantee being entered into by "SMS";

Illi skond l-artikolu 8 tal-Kuntratt is-socjeta konvenuta kienet intrabtet li ticcargja lis-socjeta attrici skond ir-rati hemm imsemmija;
Illi skond l-istess artikolu 8 tal-Kuntratt is-socjeta konvenuta kienet intrabtet li in kontrakambju tal-esklusivita lilha moghtija hi kellha tuza "its best effort to give DDL (is-socjeta konvenuta) a turnover of circa Lm350,000 or over. SMS (is-socjeta attrici) guarantees a minimum turnover of Lm150,000";

Illi skond l-artikolu 11 tal-Kuntratt is-socjeta konvenuta kellha thallas kummissjoni lis-socjeta attrici "on all sales excepting sales made to regular and direct clients of the hotel" u dan a bazi tar-rati msemmija fl-istess klawzola;

Illi l-bejgh totali ghall-perjodu bejn il-15 ta' April 1991 u l-15 ta' Novembru 1991 - eskluz il-bejgh lill-klijenti regolari u diretti tas-socjeta konvenuta - ammonta ghal Lm397,590 u dan a bazi tar-rati tal-bejgh stabiliti mis-socjeta attrici;

Illi r-rikavat kollu ta' dan il-bejgh, u cioe Lm397,590 ngabar mis-socjeta konvenuta bhala agent tas-socjeta attrici;

Illi l-kummissjoni dovuta lis-socjeta attrici taht il-Kuntratt tammonta ghal Lm13,470;

Illi s-sehem tas-socjeta attrici taht il-Kuntratt ghal spejjez maghmula mis-socjeta attrici in konnessjoni mal-Kuntratt jammonta ghal Lm5483.10;

Illi l-bilanc tal-prezz dovuta mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta ghall-allokazzjonijiet u servizzi ohra pprovduti taht il-Kuntratt jammonta ghal Lm290,528.52;

Illi l-bilanc dovut lis-socjeta attrici taht il-Kuntratt ghalhekk jammont ghal Lm126,014.58;

Illi ghalkemm mitluba thallas dan il-bilanc is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :-

1) tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm126,014.58 bilanc ta' somma akbar dovuta taht u skond it-termini tal-Kuntratt;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali skond il-ligi kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament knfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit :-

1) Illi qabel xejn u ghal fini ta' regolarita' il-konvenut Dr Richard Galea Debono lahaq irrizenja mill-kariga ta' Segretarju tal-imsemmija Socjeta' konvenuta izda ghandu xorta wahda ir-rapprezentanza gudizzjarja permezz tar-rizoluzzjoni specjali tal-Bord tad-Diretturi ta' l-istess Socjeta';

2) Illi c-citazzjoni kif miktuba ma tosservax id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 176(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Illi sussidjarjament u in via preliminari illi l-premessi tac-citazzjoni in kwantu isemmu diversi cifri allegatament dovuti lis-Socjeta' attrici, huma vagi u ma

jiftehmux, u l-inqas li seta' jaghmel l-attur kien li jesebixxi prospett dettaljat mac-citazzjoni biex juri kif huwa jasal ghall-pretensjoni tieghu, haga li kien ser jaghmel, izda ghal ragunijiet li jafhom hu biss naqas li jaghmel, kif jirrizulta mill-korrezzjoni li hemm fil-korp tac-citazzjoni u dikjarazzjoni u ghaldaqstant dan igib in-nullita' tac-citazzjoni;

4) Illi meta jigu decizi jew skjariti dawn il-punti il-konvenut nomine ikun f'qaghda illi jaghti eccezzjonijiet iktar dettaljati fil-meritu, izda jeccepixxi minn issa illi l-ammont mitlub mhux dovut, u se mai jista' jkun dovut xi ammont ferm inqas minn dak mitlub, liema ammont jigi kompensat u eccedut mis-somma dovuta lill-attur nomine li dwarha qieghda issir kontro-talba;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn gie premess: -

Illi s-Socjeta' Dragonara Development Limited hija kreditrici tas-Sojceta' S. Mifsud & Sons Limited fis-somma ta' sitta u tletin elf hmaes mija u erbgha liri u disa' u disghin centezmu (Lm36,504.99,0) liema somma hija dovuta bhala bilanc minn somma akbar dovuta lis-Socjeta' Dragonara Development Limited bhala hlas ghall-akkomodazzjoni provduta lill-klijenti tas-Socjeta' S. Mifsud & Sons Limited, fil-lukanda Dragonara Palace Hotel, San Giljan, matul is-sena 1992;

Illi din ic-cifra giet ikkalkolata wara li gie mnaqqas a favur tas-Socjeta' rikonvenzjonata ammont lilha dovut bhala hlas ta' biljetti ta' l-ajru provduti minnha lis-Socjeta' rikonvenzjonanti, u dan kif jinsab dokumentat mill-prospett hawn anness u immarkat DDL 1;

Illi is-Socjeta' rikonvenzjonata minkejja li giet interpellata bl-ittra ufficjali tat-21 ta' Gunju 1993 ghall-hlas ta' l-imsemmija somma, baqghet inadempjenti;

Ghalhekk il-konvenut nomine talab li l-attur rikonvenzjonat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1) Tiddikjara illi l-konvenut rikonvenzjonant huwa kreditur ta' l-attur rikonvenzjonat fis-somma imsemmija ta' sitta u tletin elf hames mija u erbgha liri disa' u disghin centezmu (Lm36,504.99,0) bl-imghax mid-data ta' skadenza ta' kull fattura; u

2) Tikkundanna lill-istess attur rikonvenzjonat ihallas l-imsemmija somma lill-konvenut rikonvenzjonant u dan bl-ispejjez u bl-imghax dovuti, kontra tieghu filwaqt li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu li l-attur nomine huwa debitur tas-societa konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine rikonvenzjonat debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 1994 minn fejn jirrizulta li l-konvenut nomine rrinunzia ghall-ewwel eccezzjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta konvenuta;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta attrici;

Rat ir-replika tas-socjeta konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 1998;
Ikkonsidrat:

Bil-presenti citazzjoni s-socjeta attrici S. Mifsud & Sons Limited (SMS) qed titlob li s-socjeta konvenuta Dragonara Development Limited (DDL) tigi kundannata thallas is-somma ta' mija sitta u ghoxrin elf u erbatax liri maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm126,014.58) bilanc ta' somma akbar dovuta in virtu' ta' skrittura firmata mill-partijiet fit-3 ta' Mejju 1991. Ghar-rigward ta' din l-iskrittura jirrizulta li l-firmatarji kienu s-socjeta konvenuta li kienet iggestixxi l-lukanda Dragonara u s-socjeta attrici li assumiet l-oneru ghal periodu specifikat li tipprovdi bookings u prenotazzjonijiet ghall-akkomodazzjoni fl-imsemmija lukanda;

Is-socjeta attrici, ghal kjarifika, pproduciet prospett (fol.35) li jindika fid-dettal l-imsemmija pretensjonijiet taghha. Minn dan il-prospett jidher li l-ammonti komplessivi dovuti lis-socjeta attrici jammontaw ghas-somma ta' Lm416,542, u cioe' Lm397,590 valur ta' bejgh ta' bookings jew prenotazzjonijiet ghar-rigward ta' akkomodazzjoni fl-imsemmija lukanda Dragonara, Lm13,470 kummissjonijiet, Lm2,694 reklamar u Lm2,788 servizzi ohra provduti lis-socjeta konvenuta. L-ammonti dovuti lis-socjeta konvenuta jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm290,528.52 dovuta bhala prezz tal-akkomodazzjoni in kwestjoni. Jifdal ghalhekk bilanc favur is-socjeta attrici ta' Lm126,013.48 u cioe mis-somma komplessiva dovuta lis-socjeta attrici (Lm416,542) tnaqqas is-somma komplessiva dovuta lis-socjeta konvenuta (Lm290,528.52);

Da parti taghha s-socjeta konvenuta eccepit li l-ammont mitlub mhux dovut. Is-socjeta konvenuta zieded tissottometti li, se mai, jista' jkun dovut xi ammont ferm inqas, liema ammont hu, di piu', kompensat minn somma dovuta lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici u ghar-rigward ta' liema somma saret kontro-talba. Jigi rilevat li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta giet irtirata, filwaqt li jidher li t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet gew sorvolati u dana in vista li gie esibit da parti

tas-socjeta attrici l-imsemmi prospett, kif ukoll varji dokumenti ohra intizi biex jikkjarifikaw ulterjorment il-pretensjonijiet attrici;

Fl-imsemmija kontro-talba taghha s-socjeta konvenuta talbet li s-socjeta attrici tigi kundannata thallas is-somma ta' sitta u tletin elf hames mija u erba liri maltin u disa' u disghin centezmu (Lm36,504.99,0) dovuta bhala bilanc ta' somma akbar, prezz ta' akkomodazzjoni provdut lill-klijenti tas-socjeta' attrici fil-lukanda Dragonara Palace Hotel, San Giljan, matul is-sena 1992. Is-socjeta konvenuta ppremettiet li meta wasslet ghall-imsemmija cifra, hi kienet gia kalkolat ammont dovut lis-socjeta attrici bhala hlas ta' biljetti ta' l-ajru;

Ghal din il-kontro-talba s-socjeta attrici eccepit li mhux minnu li hi debitrici tas-socjeta konvenuta fis-somma indikata fl-istess kontro-talba;
It-talbiet attrici jirreferu ghall-imsemmija skrittura privata ffirmata mill-partijiet fit-3 ta' Mejju 1991 u liema ftehim kellu jkun effettiv ghall-perjodu mill-5 ta' April 1991 sal-15 ta' Novembru 1991. Jirrizulta li permezz ta' dan il-ftehim is-socjeta konvenuta obbligat ruhha li tipprovdi, fuq bazi esklussiva, akkomodazzjoni u servizzi ohra lill klijenti li ggib is-socjeta attrici. Il-ftehim kien jinvolvi s-sodod kollha disponibbli fil-lukanda. Is-socjeta konvenuta inoltre obbligat ruhha li tiehu prenotazzjonijiet biss tramite s-socjeta attrici, bl-eccezzjoni ta' rikjesti li ikunu gejjin direttament minn klijenti regolari tal-lukanda. Is-socjeta attrici kellha tkun informata b'dawn il-prenotazzjonijiet tal-klijenti regolari u diretti tal-lukanda, u dana peress li gie inoltre miftiehem li dawn il-prenotazzjonijiet ta klijenti regolari tal-lukanda kellhom jghoddu ghar-rigward tal-minimu li gie garantit mis-socjeta attrici fl-istess ftehim. Ghalhekk, f'dan ir-rigward, gew miftiehma ukoll ir-rati li kellhom jghoddu ghal finijiet tal-imsemmi minimu garantit. Is-socjeta konvenuta obbligat ruha li tpoggi ghad-disposizzjoni tas-socjeta attrici minnghajr hlas l-ufficju taghha tar-reservations u inoltre is-socjeta attrici irriservat id-dritt li jkolla access liberu ghad-dokumenti kollha rigwardanti l-istess reservations u d-dhul relattiv. Gew miftiehma ukoll r-rati li kellha thallas is-socjeta attrici ghall-prenotazzjonijiet li tkun ghamlet. Giet miftehma il-kummissjoni li kellha tithallas lis-socjeta attrici fuq il-bejgh kollu eskluzi dawk il-prenotazzjonijiet li jkunu saru direttament minn klijenti regolari tal-lukanda. Da parti taghha s-socjeta attrici ggarantit minimu ta' prenotazzjonijiet jew bookings ghall-ammont ta' Lm150,000;

B'hekk, fi ftit kliem, in virtu' ta' dan il-ftehim, is-socjeta attrici inghatat esklusivita' ghar-rigward tal-akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti mis-socjeta konvenuta fil-lukanda in kwestjoni u dana ghar-rigward tas-sodod kollha disponibbli fl-istess lukanda. F'dan ir-rigward is-socjeta konvenuta obbligat ruhha li taccetta biss bookings li jsiru tramite s-socjeta attrici bl-eccezzjoni ta' rikjesti li jsiru minn "regular and direct clients" tal-lukanda. Id-dhul kollu minn dawn il-klijenti diretti u regolari kellu imur a favur tas-socjeta konvenuta, pero' l-istess dhul kellu jghodd fil-komputazzjoni tal-minimu ta' bookings li gie garantit mis-socjeta attrici. Ghalhekk gew miftiehma r-rati li kellhom jghoddu f'din il-komputazzjoni tal-minimu garantit ghar-rigward ta' dawn il-klijenti regolari. Gew mifitehma r-rati li kellha thallas is-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta ghall-bookings u prenotazzjonijiet minnha mghamula. F'dan ir-rigward jidher li s-socjeta attrici setghet izzomm ghall-akkomodazzjoni fil-lukanda l-prezzijiet li riedet, basta hi thallas lis-socjeta konvenuta r-rati kif miftiehma. Inoltre skond il-ftehim kienet dovuta lis-socjeta attrici kummissjoni fuq il-bejgh kollu, liema kummissjoni kellha

tigi kalkolata skond l-ammont totali ta' bookings li finalment ikunu saru mis-socjeta attrici, eskluzi pero' dawk il-prenotazzjonijiet li jkunu saru direttament minn klijenti regolari tal-lukanda;
Hu rilevanti li jigi rilevat li dan il-ftehim sar fi sfond fejn il-lukanda in kwestjoni kienet qed toffri lill-klijenti taghha servizzi limitati, jekk mhux, addirittura, kienet qed tinzamm mghaluqa u dana peress li l-intenzjoni tal-gesturi taghha kienet li l-lukanda tigi demolita u terga tinbena. F'dan ir-rigward ic-chief executive tas-socjeta konvenuta kkonferma li l-lukanda kienet qed toffri biss servizzi limitati lill-klijenti regolari taghha u ghalhekk ma kienux qed isiru l-kuntatti u negozjati li kienu isiru ghar-rigward ta' istaguni precedenti. Jidher li, in effett, gie deciz li l-lukanda terga toffri servizzi aktar wiesgha biss ghall-istagun in kwestjoni sakhemm jitwaqqa l-bini. Jista jinghad ukoll li dan il-ftehim intlehaq tard in relazzjoni ghal meta kellu jsehh l-istess ftehim u jista jkun ukoll li minhabba f'hekk fil-bidu kien hemm certu nuqqas ta' bookings. Direttur tas-socjeta attrici ma ammettix li kien hemm dawn id-diffikultajiet, pero' xhud prodott mil-istess socjeta attrici kkonferma li ghall-ewwel xaharejn il-bookings kienu ferm inqas minn dak li kien previst. Li jirrizulta hu li sar ftehim ulterjuri bejn il-partijiet fis-sens li kellu jsir sforz akbar sabiex tigi promossa l-lukanda permezz ta' reklami u f'dan ir-rigward is-socjeta konvenuta accettat li tassumi in parte l-oneru tal-hlas ta' dan ir-reklamar;

Skond is-socjeta konvenuta meta sar dan il-ftehim dwar ir-reklamar sar ukoll ftehim li l-istess socjeta konvenuta setghet taccetta direttament bookings u prenotazzjonijiet mghamula minn terzi u mhux biss dawk il-bookings mghamula tramite s-socjeta attrici kif stipulat fil-ftehim. Is-socjeta attrici ma taqbilx ma dan u ssostni li f'dan ir-rigward il-partijiet kienu ftehemu li l-bookings jew prenotazzjonijiet kollha kellhom isiru tramite l-lukanda stess u dana peress li kompetituri tas-socjeta attrici setghu jsibuha difficili li jghamlu bookings mal-istess socjeta attrici. B'hekk ukoll id-dokumentazzjoni kollha, inkluzi l-kontijiet, kella ssir fuq karti intestati tal-lukanda u fuq isem l-istess lukanda, minnhajr ma jidher isem is-socjeta attrici. Is-socjeta attrici ssostni li f'dan ir-rigward hi kellha sehem determinanti fit-tmexxija u fid-direzzjoni tal-ufficju tal-lukanda li kien jittratta il-prenotazzjonijiet u l-"bookings";

Dak li gie allegat mis-socjeta konvenuta, f'dan ir-rigward, mhux bizzejjed sabiex jista jinghad li l-partijiet qabblu li jghamlu eccezzjoni ghal dak li huma ftehemu fl-imsemmija skrittura. Is-socjeta attrici kellha l-esklusivita' u mhux verosimili li kienet ser iccedi dan id-dritt taghha semplicement ghaliex is-socjeta konvenuta qabblet li tikkontribwixxi ghar-reklamar tal-lukanda. Jekk veru li l-partijiet ftehemu li ssir deroga importanti ghal dak li kienu ftehemu bil-miktub, kien ikun verosimili li s-socjeta konvenuta tinsisti li l-ftehim il-gdid isir ukoll bil-miktub;
Ic-chief executive tas-socjeta konvenuta ghall-ewwel qal li skond hu meta sar l-imsemmi ftehim tar-reklamar, l-esklusivita' mghotija lis-socjeta attrici ma baqghetx fis-sehh. Sussegwentement pero huwa kkonferma li ghalih il-ftehim mas-socjeta attrici qatt ma gie xolt u huwa fl-ebda hin ma informa lis-socjeta attrici li huwa kien qed jikkonsidra li l-ftehim kien waqa, anzi kkonferma li s-socjeta konvenuta ghamlet dak kollu li kien possibli biex toqod ghall-obbligi taghha assunti bil-ftehim. Barra minn hekk hu verosimili dak li sostniet is-socjeta attrici cioe li gie deciz li l-bookings kollha jigi trattati mill-ufficju tal-lukanda u b'hekk kien ikatar facli ghat-terzi, inkluzi l-kompetituri tas-socjeta attrici li jghamlu

bookings ghal-lukanda in kwestjoni. Inoltre c-chief executive tas-socjeta konvenuta qabel li kien fundamentali u krucjali ghal dan il-ftehim li ma jkunx hemm kompetizzjoni bejn is-socjeta konvenuta u dik attrici fil-ksib ta' bookings ghal-lukanda;

Is-socjeta attrici ssostni li in virtu' tal-ftehim in kwestjoni l-bookings u l-prenotazzjonijiet tal-klijenti kollha li ghadu fil-lukanda fil-periodu tal-ftehim ghandhom jitqiesu li saru minnha jew tramite taghha, salv biss dawk il-klijenti li ghandhom jitqiesu bhala klijenti diretti u regolari tal-lukanda. Skond is-socjeta attrici l-kliem "regular and direct clients" ghandhom jitqiesu li jfissru u jirreferu ghal klijenti li effettivament ghadu fil-lukanda u m'ghandhomx jittiehdu li jirreferu ghal xi kumpanija ta' l-ajru jew xi ambaxxata li setghu bghatu xi klijenti biex jirresjedew fil-lukanda. Klijent regolari u dirett, skond is-socjeta attrici, jfisser klijent li f'okkazzjonijiet precedenti ikun ghad fil-lukanda fuq bazi regolari u mhux xi klijent li jkun ingieb fil-lukanda mill-airport minn xi xufier tat-taxi. Klijent dirett huwa dak li ma ghadx fil-lukanda permezz ta xi agent jew tour operator izda mar wahdu fil-luknada. Finalment is-socjeta attrici ssostni li ghal finijiet tal-ftehim dawn il-klijenti kellhom ikunu "regolari" u "diretti" fl-istess hin;

Ic-chief executive tas-socjeta konvenuta f'dan ir-rigward qal li huwa jikkonsidra bhala klijenti diretti u regolari dawk il-klijenti li jissejjhu "walkins" cioe dawk li jibqghu gejjin il-lukanda minghajr ma jibbukkjaw tramite xi agent, jew dawk li jigu direttament mill-airport ma xi taxi, jew dawk li jkunu bbukkjaw tramite agent pero l-btala taghhom ma tkunx fit-tul;

Jidher li s-socjeta attrici qed tippretendi li ftit huma dawk ir-residenti, li ghadu fil-lukanda fil-periodu in kwestjoni u li jistghu jigu kunsidrati bhala klijenti diretti u regolari ghal-finijiet tal-ftehim. Dan jirrizulta minn dokument prodott mis-socjeta li ssejjah "statement of account" (fol.67 sa 81) fejn fost affarijiet ohra hemm elenkati l-kategoriji li fihom jistghu jigu maqsuma dawk il-klijenti li rresjedew fil-lukanda fil-periodu in kwestjoni. Is-socjeta attrici tippretendi li dawn il-kategoriji kollha ma jistghux jitqiesu bhala klijenti regolari u diretti tal-lukanda;
Dawn il-kategoriji huma:- (a) prenotazzjonijiet u bookings li saru mis-socjeta attrici; (b) dawk li saru minn operaturi u agenti barranin; (c) dawk li saru minn agenti lokali; (d) dawk li saru minn lukandi ohra lokali ghar-rigward ta' klijenti li ghalihom kienu zejda; (e) prenotazzjonijiet li saru minn kumpaniji tal-ajru; (f) li saru minn ambaxxati u missjonijiet diplomatici; (f) prenotazzjonijiet ohra li huma deskritti bhala "sundry"; (g) dawk li jissejjhu "walk-ins"; (h) prenotazzjonijiet mghamula direttament mal-lukanda; u (i) prenotazzjonijiet mghamula minn socjetajiet kummercjali;

Mill-istess dokumenti (fol.67 sa 81) jirrizulta li s-socjeta attrici qed tippretendi li, skond il-ftehim, ghandha tiehu, oltre ammonti ohra, id-differenza bejn is-somma kollha li thallset mill-klijenti kollha ghall-akkomodazzjoni taghhom fil-lukanda fil-periodu in kwestjoni (Lm356,952) u s-somma totali dovuta lill-lukanda ghall-akkomodazzjoni tal-istess klijenti skond ir-rati u t-tariffi miftiehma fil-ftehim (Lm241,017);

Ghandu jigi rilevat li l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici kif spjegati f'dawn id-dokumenti (fol.67 sa 81) huma differenti mill-istess pretensjonijiet kif kjarifikati

fil-prospett akatr il-fuq imsemmi u esibit a fol. 35. Jidher li in effett is-socjeta attrici, fil-kors tal-kawza u wara dak li gie premess fic-citazzjoni, biddlet diversi drabi l-bazi tal-pretensjonijiet taghha. Dan jista jindika li s-socjeta attrici mhux daqstant zgura mill-istess talbiet taghha. Dan ukoll jikkomplika inutilment l-ezami tal-qorti ghar-rigward tat-talbiet attrici. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-pretensjonijiet attrici kif dedotti fl-imsemmija dokumenti a fol.67 sa 81, ser jittiehdu bhala dawk li huma fil-bazi tat-talbiet attrici;

Minn dawn l-istess dokumenti (fol.67 sa 81) jidher li s-socjeta attrici qed tippretendi ukoll li ghandha tiehu kummissjoni skond il-klawsola 11 tal-ftehim ammontanti ghas-somma ta Lm9,101. Tippretendi ukoll li ghandha tiehu minnghand is-socjeta konvenuta is-somma ta' Lm2,694 ghar-reklamar u s-somma ta' Lm2788 ghal biljetti tal-ivjaggar provduti minnha lis-socjeta konvenuta. L-istess dokumenti jindikaw li s-socjeta attrici qed tammetti li ghandha tghati lis-socjeta konvenuta is-somma ta' Lm17,396 bilanc ta' l-ammont dovut ghar-rigward ta' bookings li saru mill-istess socjeta attrici;

In vista ta' dan kollu hu importanti li tigi stabbilita t-tifsira li ghandha tinghata lill-kliem usati fil-klawsola 4 tal-ftehim u cioe l-kliem "..requests by regular and direct clients of the Hotel will be accepted by the Hotel". Din it-tifsira ghandha tinghata tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali u partikolari, tenut kont ukoll tal-isfond li fih sar dan il-ftehim kif ukoll tal-mod kif jirrizulta li gew kondotti l-affarijiet mill-partijiet in esekuzzjoni tal-ftehim;

Hu ragionevoli ghalhekk li jigu konsidrati bhala klijenti diretti u regolari dawk li f'okkazzjonijiet precedenti kienu irresjedew fil-lukanda u dawk li marru joqodu direttament fil-lukanda u mhux tramite xi agent jew xi operatur iehor. Ghandhom ukoll jigu konsidrati bhala klijenti regolari tal-lukanda dawk ir-residenti li jkunu ntbghatu minn organizzazzjonijiet u agenziji ohra li abitwalment kienu jibghatu nies jirrisjedu fil-lukanda bhal kumpaniji tal-ajru, missjonijiet diplomatici u socjetajiet kummercjali. Jaqghu ukoll f'din il-kategorija dawk ir-residenti li gew mibghuta minn lukandi ohra. Mhux necessarju li sabiex resident jikkwalifika jrid ikun "dirett" u "regolari" fl-istess hin;

Fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni u b'referenza ghad-dokument esibit mis-socjeta attrici a fol.68 ghandhom jigu konsidrati bhala bookings mghamula mis-socjeta attrici, ovvjament dawk il-bookings li huma indikati li saru mill-istess socjeta attrici, dawk li saru tramite agenti u operaturi barranin kif ukoll dawk li saru tramite agenti lokali. F'dan ir-rigward ghandu jigi puntwalizzat li l-ftehim jobbliga lis-socjeta konvenuta li taccetta biss bookings li jsiru tramite s-socjeta attrici. L-istess ftehim ma jeskludix li s-socjeta attrici setghet iggib bookings minn agenti u operaturi ohra li in effett huma kompetituri taghha. Is-sorsi l-ohra kollha indikati fl-istess dokument a fol.68 ghandhom jigu konsidrat bhala klijenti diretti u regolari ghal finijiet tal-ftehim u ghalhekk id-dhul kollu relattiv ghandu jmur ghaf-favur tas-socjeta konvenuta jew tal-lukanda. Dawn ghandhom ukoll jigu eskluzi ghal finijiet tal-komputazzjoni tal-kummissjoni dovuta skond l-artikolu 11 tal-ftehim;

In vista ta' dan kollu d-dokument a fol.67 prodott mis-socjeta attrici ghandu jigi korrett fis-sens illi l-valur totali tal-akkomodazzjoni eskluz il-prenotazzjonijiet ta' klijenti diretti u regolari ghandu jittiehed li hu Lm243877. Il-kummissjoni dovuta

lis-socjeta attrici skond il-klawsola 11 tal-ftehim tammonta ghas-somma ta' Lm1878 u cioe 10% ta' Lm18783 li hi d-differenza bejn Lm150000 u Lm168783 (l-ammont effettivament dovut lill-lukanda fuq l-imsemmi valur totali tal-akkomodazzjoni ta' Lm243877). Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-ammont ta' Lm2694 dovut lis-socjeta attrici ghar-reklamar u l-ammont ta' Lm2788 dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi ta' vjaggar. B'hekk l-ammont totali dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici huwa ta' Lm251237 (Lm243877 + Lm1878 + Lm2694 + Lm2788). Minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-ammont komplessiv dovut mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta u cioe Lm188179, liema ammont jirrizulta meta jinghadu flimkien l-imsemmijin ammonti ta' Lm168783 u ta' Lm17396. Jifdal ghalhekk a favur tas-socjeta attrici s-somma bilanc ta' Lm63058. Minn din is-somma trid titnaqqas is-somma li hi dovuta lis-socjeta konvenuta skond il-kontro-talba u cioe s-somma ta' Lm36505. Jifdal ghalhekk bilanc dejjem favur is-socjeta attrici ta' Lm26553, li hi s-somma li finalment tirrizulta dovuta mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici. Jigi rilevat li jidher li s-socjeta attrici qed tammetti li ghandha tghati s-somma mitluba mis-socjeta konvenuta fil-kontro-talba taghha;
Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa in parte t-talbiet attrici u tiddikjara li s-socjeta konvenuta hi debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' tlieta u sittin elf u tmienja u hamsin liri maltin (Lm63,058) bilanc ta' somma akbar dovuta taht u skond it-termini tal-ftehim iffirmat mill-partijiet tat-3 ta' Mejju 1991 u fit-tieni lok billi tilqa l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta u tiddikjara illi s-socjeta konvenuta hi kreditrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' sitta u tletin elf hames mija u hames liri maltin (Lm36,505) u dana ghar-ragunijiet indikati fl-istess kontro-talba. B'hekk jigi li s-socjeta attrici hi kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tlieta u hamsin liri maltin (lm26553) u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma Lm26553 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament;

Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Imhallef

Dep. Registratur